# MQABBA LOCAL COUNCIL

**29, PARISH STREET, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru disgħa u erbgħin (49) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 11 ta' Mejju, 2010 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

SKUŻAT: Charles Farrugia Viċi Sindku

1. Il-**minuti** tas-seduta preċedenti kienu mibgħuta lill-kunsillieri, kkoreġġuti approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet murija fejn jidher bil-linka fuq il-kopja oriġinali.

2. Dwar l-istallazzjoni ta' ***Bus Shelter*** mill-kumpanija *Faces Displays*, fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, imsemmija hawn fuq, li dwaru kien hemm l-osservanza mill-kunsillier Briffa, is-SE qal li l-ispeċifikazzjonijiet u b'mod speċjali l-*alignment* il-ġdid tat-triq diġa' kien determinat mill-MEPA li żgur li ħadu in konsiderazzjoni l-fatt li warajh hemm *garage* u sidu jrid jidħol u joħroġ liberament. Is-Sindku qal li din il-linja ma tistax tinbidel. Sadanittant qed naraw kif se jkun l-involviment tal-*Environmental Landscapes Consortium* biex jinqalgħu is-siġar kollha mis-*Central Strip* għajr dik taż-żebbuġ.

3. B'riferenza għall-kwistjoni li nqalgħet fi Triq il-Fjuri, dejjem dwar **aċċess ta' *garage***, is-Sindku qal li se nibgħatu l-ittra tal-Avukat lil familja Bondin biex nirribattu għal dak li ntqal mill-Avukat tagħhom.

4. Dwar il-**kotba għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2009**, se ndaħħlu l-*journal entries* skond kif indikati mill-udituri tagħna. Dan se jsir bil-kollaborazzjoni tal-kunsillier Nicholas Briffa li offra li jgħin f'din il-ħaġa.

5. Dwar l-*awarding* tal-offerta tal-**pannelli solari,** is-Sindku qal li l-iskrivani scanjaw l-offerta bl-*options* kollha li tawna *Alberta Fire and Security* u dawn intbgħatu lill-Eng Albert Ellul biex jagħtina direzzjoni dwarhom. Hu qal li fosthom hemm dawk li jilħqu l-*istandards* li qed jesiġi l-Kunsill. Dwar dan għanda *target date* illi jiġu nstallati sa Ġunju li ġej, skond memo li bagħtu id-Dipartiment Gvern Lokali.

6. Dwar il-**kisi mill-ġdid tat-toroq** fir-raħal, is-Sindku qal li għadna qed nistennew il-*Letter of Acceptance* li għad irid joħroġ id-Dipartiment tal-Kuntratti lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma biex il-kuntrattur Asfaltar Ltd ikun jista' jibdel il-mejnijiet u s-servizzi qabel ma tinkesa' kull triq.

7. Dwar il-**korsijiet fil-*computer*** li se jorganizza l-KLM dan is-Sajf li ġej, intqal illi kien suġġeriment tal-għalliem is-Sur Keith Aquilina, sabiex dawn ikunu komplimentati b'sezzjonijiet tal-*internet*. Għaldaqstant, il-KLM kellu bil-fors japplika għal-linja tat-telefon ħalli imbgħad ikun kuntattjat *Internet Service Proveider (ISP)* biex fil-*computers* ikun hemm ukoll dan is-servizz ta' network. Din il-linja s'issa għad ma ġietx installata fl-Isptar il-Qadim, mill-Go plc.

8. Issemmew il-punti li ħa is-Segretarju Eżekuttiv fil-laqgħa li saret nhar id-29 ta' April, 2010 fil-Bini Amministrattiv dwar il-proposta tal-KLM, illi **ddoqq banda waħda** fil-kunċert li issa qed jinżamm fl-Iskola Primarja Mqabba fis-serata li fiha jingħata Ġieh ir-Raħal. Għal din il-laqgħa kien hemm rappreżentanti tal-mużika miż-żewġ każini tal-Banda. Il-punti li ħa s-SE tqassmu lill-kunsillieri kollha u s-Sindku ħass li ma kellhomx jiġu diskussi bil-għaġġla f'din is-seduta u kien jimmeritahom seduta apposta fejn trid tittieħed deċiżjoni x'se jsir aktar 'il quddiem. Intant id-diskussjoni dwar din is-serata kienet dwar pubbliċita' effettiva li għandha ssir sabiex inħajru aktar persuni jattendu għal dan il-kunċert vokali/strumentali.

9. Dwar il-ftuħ uffiċjali tal-**Uffiċċju tal-*Customer Care*** nhar il-5 ta' Mejju, 2010, intqal li kollox mar kif kien previst. Kellna x-xorti li nilqgħu fostna l-Onor Chris Said fejn kienet ukoll imsemmija l-iskema ta' aċċessibilita' li minnha l-KLM se jibbenefika billi jiġbor fondi li kienu allokati lilna mill-Gvern Ċentrali. Dwar dan l-avveniment is-Sindku ħareġ Stqarrija Pubblika.

10. Is-Sindku fakkar lill-kunsillieri biex jibgħatu l-kontribuzzjoni tagħhom permezz ta' messaġġ li għandu jiġi mpoġġi fit-tieni ħarġa tal-pubblikazzjoni "**Fuq l-Għatba tal-Kunsill".** Dwar il-ħarġa preċedenti kien deċiż li l-ispazju tal-paġna ta' wara li kien dedikat esklussivament għad-divertiment u l-logħob, jitnaqqas u jidher minflok xi ħaġa aktar utli.

11. Dwar il-**mawra fil-lokalita' taż-Żebbuġ Għawdex**, fejn is-Sindki kienu il-protagonisti biex seta' jiġi ffirmat il-patt ta' ħbiberija bejn il-lokalitajiet, il-kunsillieri qablu li dan kien avveniment importanti għall-istorja tar-raħal tagħna. Il-qsim flimkien ta' xogħol, snajja, tradizzjonijiet u fuq kollox ir-riżorsi mprezzabbli tal-bniedem, huma dehen għar-raħal tal-Imqabba u wkoll għal dak taż-Żebbuġ Għawdex.

12. Nhar il-Ħadd, 9 ta' Mejju, 2010, il-kunsillieri laqgħu lill-grupp tan-nar tal-art tas-**Soċjeta' Sta Marija (SSM)** kif ukoll rappreżentanza tal-kumitat fl-uffiċċju tas-Sindku. Dawn anke ingħataw trofew mill-KLM bħala apprezzament għall-unur li ġabu lill-Imqabba fil-festival tal-logħob tan-nar li kien organizzat fil-festa ta' San

Publiju mill-Kunsill Lokali Floriana. Madankollu l-għan ta' din iż-żjara kienet il-preżentazzjoni tal-***logo*** **il-ġdid** mis-soċjeta' f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha.

13. Is-SE irċieva applikazzjoni mill-istess soċjeta' sabiex din tagħmel użu mill-Isptar il-Qadim nhar il-Ħadd, 16 ta' Mejju, 2010. L-attivita' se tkun tikkonsisti f'bibita żgħira għal grupp ta' artisti li se jkunu ospitati mis-SSM. Ir-regoli tal-Kunsill determinati fil-passat f'diversi laqgħat ta' dan il-Kunsill, jesiġu li l-applikant irid iħallas €100 għal spejjeż ta' tindif tal-post, u dawk ta' utilita' (elettriku u ilma). Il-KLM qabel unanimament illi peress li mhux se jinħela elettriku, għaliex din l-attivita' se ssir fil-għodu fil-bitħa u għal siegħa waħda biss, għaldaqstant tingħata l-konċessjoni kif mitluba mill-istess soċjeta' u ma jkun hemm l-ebda' ħlas. Peress li wieħed mir-regolamenti jesiġi li jrid ikun hemm rappreżentant tal-KLM, Grace Marie Mallia ivvolontarjat illi tiftaħ u tagħlaq il-post hi biex tkun organizzata din il-bibita żgħira għall-artisti, filwaqt li ma jitħalliex aċċess għal kamra li fiha qed jiġu organizzati l-korsijiet tal-Malti u li fiha hemm ukoll il-*computers*. Is-Sindku ta n-numru tat-telefon tal-organizzatur l-ex kunsillier Frans Vella lil kunsillier Grace Marie Mallia ħalli jkun faċilitat il-koordinament.

14. Dwar il-proposta li tiġi organizzata attivita' internazzjonali hawn Malta tal-***Food Law Enforcers***, is-SE għandu jagħmel kuntatt mal-MEUSAC sabiex naraw jekk nistgħux nibbenefikaw minn programm tal-Unjoni Ewropeja bil-għan li nattiraw konferenza bħal din hawn Malta. Madankollu l-KLM irid jara jekk jistax isostni attivita' bħal din finanzjarjament u anke mill-att ta' riżorsi umani. Dwar id-depożitu li kien ħalla l-KLM mal-MEUSAC tal-€500 biex timtela' l-applikazzjoni tal-ERDF funds, is-SE qal l-għada li kienet sottomessa l-applikazzjoni, mar għaċ-ċekk hu personalment.

15. Dwar l-esperjenza tal-**GAL Xlokk** is-Sindku qal li sfortunatament il-Kunsilli involuti fit-tmexxija ħadu t-tmun ta' dan il-kumitat. Hu qal li l-laqgħa li kienet skedata għal din il-ġimgħa, issa tħassret, u se ssir il-ġimgħa d-dieħla. Noel Galea qal li qed jara li ċ-ċansijiet li l-lokalita' tibbenefika minn dan il-programm, huma remoti.

16. Dwar l-iskema tas-separazzjoni tal-iskart u l-kuntrattur **Greenpak** is-Sindku qal li issa fadal li nibdew l-objettiv edukattiv. Il-kunsillieri ġew infurmati li kemm hu kif ukoll is-SE iltaqgħu ma' Daniel???? il-ġimgħa li għaddiet u dan minn naħa tiegħu infurmana bil-miżuri kollha li ħadu Greenpak fil-jiem li għaddew biex speċjalment jibqgħu jinżammu l-kontenituri nodfa. Infatti dawk l-aktar kbar tal-Wasteserv viċin iċ-ċimiterju inqalgħu minn posthom biex kull min qed jabbuża jkun aktar suġġett li jarawh in-nies. Dan sar billi resquhom aktar 'il barra. F'dan is-sit is-Sindku qal li ħarġet l-approvazzjoni ta' lampa ġdida tat-toroq u se titwaħħal cctv camera. Intant il-kampanja edukattiva se nippruvaw ninawgurawha fl-Iskola Primarja Mqabba bil-ħruġ ta' *leaflet* informattiv li wkoll tqassam f'lokalitaijiet oħra, u li s-Sindku kellu kopja tiegħu. Il-kumpanija Greenpak se jkollha uffiċjali tagħha sabiex iżuru d-djar tan-nies, ifehmuhom dwar

kif jisseparaw aktar skart u fl-istess ħin iqassmu boroż mingħajr ħlas. Is-Sindku qal li dan se jsir fil-ġimgħa li fiha r-raħal se jkun qed jiċċelebra l-festa tal-Madonna tal-Ġilju għaliex dak iż-żmien in-nisa li jaħdmu jħobbu jieħdu xi ġurnata *vacation leave* sabiex inaddfu djarhom u allura dawn se jsibuhom hemm. Is-Sindku qal li l-ammont ta' boroż f'kull dar se jkun ta' għaxra li jservi għal għaxar ġimgħat.

17. F'dan il-waqt is-SE qal li fil-jiem li għaddew uffiċjali tal-kumpanija Wasteserv daru il-ħwienet u l-istabbilimenti kollha u għamlu ***survey*** dwar kemm dawn jiġġeneraw materjal li jintuża *packaging material.* Qal ukoll illi l-NSO se jagħmlu survey ieħor dwar il-iskart li se jkun qed jiġi ġġenerat minn triq partikulari fl-Imqabba. Għaldaqstant talbu lis-SE sabiex jinforma l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart sabiex la jiġbor il-*mixed organic waste* u lanqas dak separat ta' nhar ta' Tlieta, għal ġimgħa sħiħa.

18. F'dan il-waqt issemma' l-attentat tal-mistħija li sar fir-raħal tagħna u li kien ukoll ippublikat fil-ġurnali fejn xi ħadd fl-inħawi ta' Triq Mikelang Sapiano ipprova jiddisponi minn **tlett ifrieħ tal-qtates** billi ħallihom fejn l-iskart bl-intenzjoni li jintefgħu fl-iscammel.

19. Dwar l-**ilment ta' persuna** li ssemma' fil-minuti preċedenti li qed toqgħod għadira ilma fuq il-*patterned concrete* fi Sqaq il-Lanġasa, is-Sindku qal li ma jirriżultax illi hemm fuq x'hiex wieħed jieħu azzjoni u jerġa' jaqla' l-sqaq. Madankollu se naraw jekk isirx bħal gandott żgħir li jista' jgħin l-ilma tax-xita jerġa' joħroġ lura għal Triq San Bażilju.

20. Il-preokkupazjoni tal-Kunsill fil-festa li se niċċelebraw hija l-għeluq ta' **Triq Valletta, Zurrieq** għat-traffiku peress li qed isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni fiha. Dwar dan il-ko-ordinament tat-traffiku, il-laqgħa illi kienet skedata għal għada, 12 ta' Mejju, kellha titħassar għaliex ħadd ma jista' jattendi mill-Korp tal-Pulizija, minħabba xi mpenji oħra li għandhom. Intant din l-istess laqgħa li għaliha se jkunu mistiedna l-Gwardjani Lokali wkoll, se ssir nhar it-Tnejn, 17 ta' Mejju, 2010.

21. Dwar Triq Valletta, Zurrieq is-SE qal li jista' jkun li biex tkompli titgħarraq is-sitwazzjoni tilħaq tingħalaq Triq il-Karwija f'Ħal Safi u Ħal Kirkop. Dan ifisser li it-traffiku li xorta l-KLM għandu f'moħħu li joħroġ 'il barra minn Triq Ħal Kirkop, ikollu bilfors jgħaddi mil-qalba ta' Ħal Kirkop, xi ħaġa li se turta bi kbir lil dan il-Kunsill. Peress li x-xogħol skedat fil-Karwija mill-***Malta Enterprise għan-nom tal-SRT Techniques*** kien kordinat minn *Transport Malta*, is-SE qal li aħjar minn TM, m'hemm ħadd li jista' jindikalna jekk per eżempju Triq Valletta Zurrieq hux se tilħaq titlesta. Għaldaqstant, jagħmel ukoll sens li jkun preżenti għal din il-laqgħa rappreżentant tat-TM. Is-Sindku qal li wara din il-laqgħa, imbgħad ikun imiss laqgħa mal-każin li se jkun qed jorganizza l-festa. Għal skopijiet ta' tindif fil-festi se ninvolvu wkoll lil kumpanija Greenpak li se

tissuplixxina bil-kontenituri tal-isakart separat, speċjalment fil-Pjazza ħalli jkunu attraenti u ndaf aktar minn dawk li kellna fil-passat.

22. Dwar il-**ħarġa għal Għawdex** li se jorganizza il-KLM nhar is-26 ta' Mejju, 2010, is-SE qal li s'issa inkitbu aktar minn ħamsin persuna.  Dan ifisser li diġa' imlejna *private* mill-kbar.  Se nibqgħu nieħdu l-*bookings* sakemm ikollna b'kemm tesa' *private* oħra għakemm wieħed jista' jikkunsidra wkoll il-vannijiet.  Dwar dan l-avveniment, is-Sindku qal li l-programm jikkonsisti billi nagħmlu żjara ta' kortesija fil-lokalita' taż-Żebbuġ Għawdex fejn se jkollna x-xorti li niltaqgħu mas-Sindku taż-Żebbuġ, wara nofs in-nhar.  Fil-għodu irridu naqbdu l-vapur tat-8:15am, sabiex imbgħad immorru fuq il-Monti, s-Santwarja ta'Pinu u se nieqfu l-Fontana qabel ma ninżlu x-Xlendi fis-1.30pm għall-ikel u l-logħob tat-tombla.  Niġu lura mal-vapur tas-6.00pm.

23. Dwar it-tieni edizzjoni tal-attivita' l-**Imqabba mal-Medda taż-Żmien**, is-Sindku qal li beda diskussjonijiet mal-MEUSAC sabiex inkunu nistgħu napplikaw għal fondi mill-***Youths Programme tal-EUPA***.  Din l-applikazzjoni tagħlaq f'Ġunju u l-proġett se jkun jinvolvi persuni kbar u żgħar permezz tal-fotografija.  Is-Sindku qal li se nipprovdu *cameras* tar-ritratti *disposable* biex kulħadd ikun jista' jieħu ritratt anke min m'għandux *camera* d-dar.  L-esebiti, imbgħad jiġu murija *f'Workshop* li jsir apposta preferibbilment qabel l-attivita' tal-1 ta' Ottubru.  Sfortunatament il-fondi ta' dan il-programm din is-sena naqsu għal massimu ta' €5,800.

24. Grace Marie Mallia qalet illi s-**sett tat-TV fl-uffiċċju isfel**, ma weħilx f'post addattat.  Intant hija ppropaniet post ieħor, filwaqt li Nicholas Briffa semma' **d-desk tal-iskrivana** li ra li ġie għoli wisq.  Hawn intqal illi dan sar hekk għaliex ħafna minn dawk li jiġu jinqdew biex per eżempju jħallsu xi ċitazzjoni, dawn fil-fatt jibqgħu bil-wieqfa.

25. Is-Sindku ppropona ***summer school*** bl-intenzjoni li din tkun organizzata mill-KLM fis-Sajf li ġej.  Hu qal li ġaladarba din issir minn Kunsilli oħra, ma jafx għalfejn ma sseħħx f'lokalita' bħal tagħna.  Se naraw ftit dwar id-dettalji ta' din is-*summer school* u fuq kollox l-għalliema li se jkunu qed jieħdu sehem.

26. Ġiet approvata l-***payment approval sheet numru ????*** u wkoll l-item li jinvolvi €349 p.a. sabiex il-Kunsill Lokali Mqabba jkun jista' japplika mal-Government Property Division biex Ġnien Tfal irRaħal ikun devolut lill-KLM.  Is-Sindku qal li ġaladarba għamilna l-proġett aħna, wieħed m'għandux wisq ifittex x'se jiggwadanja mill-att finanzjarju.  Hu qal li madankollu hu jemmen li s-sit fih potenzjal.  Hu qal illi dan jixraq li jkun devolut lilna bħal ma kien l-Isptar il-Qadim.  Dwar dan kien hemm qbil unanimu u se ninfurmaw lill-awtoritajiet dwar dan kollu.

27. Fil-punti mill-minuti Nicholas Briffa qal illi jinħtieġ illi nżommu ma' dak li kien deċiż fil-KLM dwar il-**bandiera tal-Imqabba**.  Hu qal li l-bandiera imtella' fl-

entratura tal-Imqabba, hija importanti, għaliex tagħtina identita'. Hu rrefera għal fatt li din laqas telgħet mal-arblu nhar l-1 ta' Mejju, 2010. Is-Sindku qal li meta kien imsiefer lanqas ħadd ma niżżilha minn mal-arblu wara l-ewwel tas-sena. Nicholas Briffa qal li issa għandna tlieta minn nies u dawn jistgħu itellgħua ġurnata qabel festa pubblika. Intant ġie deċiż li tkun allokata somma mill-budget tal-kunsill biex issir bandiera u tibqa' dejjem imdendla mal-arblu. Din se ssir tas-satin għaliex tas-suf tqum aktar flus u xorta waħda titqatta' wara ċertu żmien. Se nġibu stima minn għand Gauci Borda ta' bandiera bl-arma tal-Imqabba fuq sfond abjad u s'intendi bil-faxx abjad.

28. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u se tinżamm dik li jmiss nhar it-Tlieta, 25 ta' Mejju, 2010.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 25/5/10 minn Noel Galea
Segretarju Eżekuttiv Sindku